**Q O R T I Ċ I V I L I**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 29 ta' Novembru 2018**

**Rikors Ġuramentat Nru. 116 / 16 / RGM**

**Kawża fil-lista: 1**

**A D**

**vs.**

**B sive C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat pprezentat mill-attrici fit-18 ta' Mejju 2016 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1. *Illi l-esponenti zzewget lill C D, li hu ta' nazzjonalita` Libjana, gewwa Sirja nhar it-18 ta' Mejju, 2008 (ara Dok. A.)*

*2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom erbat (4) itfal minuri, E D li ghandha sitt (6) snin, F D li ghandu erba' (4) snin, G D li ghandu sentejn (2) u H D li ghandu sena (1) (ara Dok B-E rispettivament);*

*3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba swat, abbuz, vjolenza u eccessi, minaccji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra, validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-Ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;*

*4. Illi l-konvenut ghandu vizzju tal-alkahol u tad-drogi; u huwa bniedem kontrolluz u vjolenti fizikament, emozzjonalment u sesswalment fil-konfront tal-esponenti, liema droga, alkohol u vjolenza gew mehuda u kommessa anke fil-presenza tal-erbat itfal minuri;*

*5. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;*

*6. Illi l-esponenti giet kostretta tipprocedi bi proceduri ta' separazzjoni minhabba dan l-agir aggressiv da parti tal-konvenut fejn intavolat Rikors Urgenti fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni datat 14 ta' Jannar 2016, liema rikors giet appuntat ghas-smigh. Wara li l-Qorti rat u semghet il-provi, il-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 18 ta' Marzu tas-sena 2016 (Dok F).*

*7. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghar-ragunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza fizika, sesswali u psikologika, theddid, inguriji gravi, sevizzi u minaccji li r-rendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tirresjedi gewwa xelter flimkien mal-minuri ghas-sigurta` taghha u tal-istess ulied minuri;*

*2. Tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-erbat itfal minuri E, F, G u H ahwa D f'idejn l-esponenti; u sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-attrici u ghall-erbat itfal minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jaghlqu l-eta` ta' tmintax-il sena (18)- il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jahdmu bi qligh jew sa tliet u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedu li jibqghu jistudjaw fuq bazi full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qligh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi l-konvenut, u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;*

*4. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-istess minuri;*

*5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

*6. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lil-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

*7. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

*8. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*9. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikoli 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew in parte d-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 u 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*10. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' malta l-eventwali sentenza moghtoja minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha, inkluz tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 7/16 RGM u tal-Ittri ta' Medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Lulju 2016 li taqra kif gej:

*1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, l-attrici trid iggib prova illi hija kellha d-debita awtorizzazzjoni skont regolament 4 u 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprocedi, stante illi ma jinstabx digriet ta' din ix-xorta fl-atti tal-kawza, biex fin-nuqqas, din l-Onorabbli Qorti tippronunzja ruhha dwar il-validita` u l-ammissibilita` meno tar-rikors odjern;*

*2. Fit-tieni lok, fil-mertu, riferribbilment ghall-ewwel talba attrici, il-konvenut jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti, izda dan mhux ghar-ragunijiet kif premessi mill-attrici izda ghal dawk li ser jigu premessi mill-istanti fir-rikors guramentat rikonvenzjonali tieghu;*

*3. Fit-tielet lok, it-tieni talba attrici ghandha tigi michuda; dan ghaliex ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi ghal dan;*

*4. Fir-raba' lok, riferibilment ghat-tielet u r-raba' talba attrici, fejn mitlub manteniment ghall-attrici, din it-talba ghandha tigi michuda u dan stante l-fatt illi fic-cirkostanzi, il-konvenut ma ghandux ihallas manteniment ghaliha, anke 'l ghaliex l-attrici iddekadiet mid-dritt li hekk tircievi xi forma ta' manteniment minghand il-konvenut. Fejn it-talbiet jirrigwardaw l-ulied, il-konvenut qatt ma kellu oggezzjoni illi jikkontribwixxi ghall-htigijiet ta' uliedu, biss izda mhux kif, sa fejn u bil-modalitajiet mitluba mill-attrici, tenut kont partikolarment tac-cirkostanzi shiha tal-partijiet, inkluz tat-talbiet rikonvenzjonali kontestwalment imressqa u tal-eccezzjonijiet f'din ir-risposta;*

*5. Fil-hames lok, il-hames talba ghandha tigi michuda u dan stante illi ma jikkonkorrux l-elementi legali sabiex din it-talba tigi milqugha; dan kif jirrizulta tul il-proceduri;*

*6. Fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti jaqbel mas-sitt talba attruci fis-sens li ghandha tigi xolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-attrici purche` kwalunkwe divizjoni tal-assi matrimonjali ssir b'mod li jirrifletti r-ragunijiet kollha li ghandhom iwasslu ghall-firda personali bejn il-partijiet;*

*7. Fis-seba' lok, riferibbilment ghas-seba' talba attrici, din ghandha tigi michuda stante 'Illi l-konvenut ma huwa fil-pussess ta' ebda beni parafernali tal-attrici;*

*8. Fit-tmien lok, it-tmien talba attrici ma hijiex opposta;*

*9. Fid-disa' lok, id-disa' talba ghandha tigi michuda u dan stante illi ma jikkonkorrux l-elementi legali sabiex din it-talba tigi milqugha; dan kif se jirrizulta tul il-proceduri;*

*10. Fl-ghaxar lok, l-ghaxar talba attrici ma hijiex opposta.*

*Salv, occorrendo, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez konta l-attrici illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenut.*

*Rat il-Kontro-Talba tal-konvenut li taqra kif gej;*

*1. Il-kontendenti izzewgu gewwa s-Sirja fit-18 ta' Mejju, 2008.*

*2. Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal: E (illum ghandha sitt snin), F (illum ghandu erba' snin), G (illum ghandu sentejn) u H (illum ghandu sena)*

*3. L-intimata rrendiet ruhha responsabbli fil-konfront tar-rikorrenti ta', inter alia adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi; inoltre, il-hajja flimkien tal-kontendenti ma ghadiex aktar possibbli stante illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimata.*

*4. Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta intimata ghaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi tal-kaz, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. tiddikjara lill-konvenuta unikamnet responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern, ghal dawk ir-ragunijiet kollha ndikati fir-rikors odjern, jew liema minnhom, u 'Illi abbazi taghhom l-attur qieghed jitlob il-firda personali bejn il-kontendenti;*

*2. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante r-ragunijiet indikati, jew liema minnhom;*

*3. tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li kkagunat il-firda bejn il-kontendenti u tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenuta d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli tmienja u erbghin [48], wiehed u hamsin [51], tnejn u hamsin [52], u tlieta u hamsin [53], tal-Kapitolu sittax [16] tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. tiffissa retta alimentari dovuta mill-konvenuta lill-esponenti ghall-htigijiet tieghu, u tordna lill-istess konvenuta thallas dik ir-retta alimentari skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz b'inkrement perjodiku fl-istess retta alimentari versu z-zieda fil-gholi tal-hajja;*

*5. tiddikjara u tiddeciedi 'lli s-setghat ta' genitur fir-rispett ta' ulied il-partijiet ghandhom jibqghu vestiti fiz-zewg kontendenti;*

*6. tiddikjara u tiddeciedi 'lli l-attur ghandu jigi fdat bil-kura u l-kustodja esklussiva ta' ulied il-kontendenti E, F, G u H, u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni; tiddikjara u tiddeciedi ulterjorment li ghandu jkun il-missier esponenti illi jiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni tal-imsemmija ulied;*

*7. tordna illi ulied il-partijiet ghandhom jirrisjedu flimkien mal-esponenti, u tiffissa jekk thoss il-htiega, modalita` ta' access favur il-konvenuta, dejjem tenut kont ic-cirkostanzi u l-htigijiet tal-minorenni ghall-benessere morali u fiziku tal-istess;*

*8. tiffissa retta alimentari dovuta lill-esponenti mill-konvenuta ghall-htigijiet tal-minorennu E, F, G u H, u tordna lill-istess konvenuta thallas dik ir-retta alimentari skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz b'inkrement perjodiku fl-istess alimentari versu z-zieda fil-gholi tal-hajja;*

*9. tiddikjara u tiddeciedi 'lli l-kontendenti ghandhom, f'ishma ndaqs bejniethom, jikkontribwixxu versu l-htigijiet edukattivi u medici ta' uliedhom E, F, G u H;*

*10. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess tenut kont kemm l-attiv u kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni, tillikwida wkoll kull kreditu li l-attur ghandu kemm versu l-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu l-konvenuta; sussegwentement tiddividi l-bilanc formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet, occorendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw kull likwidazzjoni necessarja u jipproponu pjan ta' divizjoni;*

*11. Tassenja l-istess porzjonijiet, wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta;*

*12. Tiddikjara u tiddeciedi 'Illi kwalunkwe kumpens u/jew flejjes 'Illi jistghu talvolta jkunu pagabbli lill-attur in konnessjoni mal-ezercizzju f'kull zmien tax-xoghol tieghu, ghandhom jigu percepti unikament mill-attur;*

*13. Tikkundanna lill-konvenuta, sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tikkonsenja lill-attur l-ogetti kollha dotali u parafernali tieghu, inkluzi flus u krediti ohra, u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess konvenuta thallas il-valur tal-istess, bl-opra, occorrendo, ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli necessarji f'dan ir-rigward;*

*14. Tordna li l-attur jigi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni dotali u parafernali tieghu;*

*15. Tordna li s-sentenza eventwali ta' din l-Onorabbli Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tinsab minn issa ngunta in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta guramentata ghall-Kontro-Talba tal-attur li taqra kif gej:*

*1. Illi rigward l-ewwel u t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, l-esponenti taqbel ghat-talba tas-separazzjoni personali izda dawn mhux ghar-ragunijiet premessi minnu stante illi l-htija ghandha tigi attribwita unikament lill-konvenut rikonvenzjonanti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Ghalhekk, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti in kwantu jimputaw xi tort lill-eccipjenti ghal ksur tal-hajja mizzewga huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu*

*michuda bl-ispejjez, u huwa l-konvenut rikonvenzjonanti li ghandu jinstab hati tal-firda tal-kontendenti minhabba li naqas milli jottempora ruhu mal-obbligi matrimonjali; u ukoll hu hati ta' swat, abbuz, vjolenza u eccessi, minaccji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra, li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli; u dan ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi hija tichad bil-qawwa li hija qatt ikkommetiet adulterju izda huwa l-konvenut rikonvenzjonanti li huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg ghar-ragunijiet premessi aktar 'il fuq u fir-rikors guramentat tal-esponent tant li l-esponenti giet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tghix gewwa xelter flimkien mal-minuri minhabba l-agir vjolenti u swat da parti tal-konvenut fil-konfront taghhom u l-agir irresponsabbli tieghu, partikolarment l-uzu tad-droga fil-presenza tal-minuri; u dan kif se jigi ben spjegat fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna;*

*3. Tikkontesta bil-qawwa t-tielet talba ghaliex kif ser jirrizulta mill-provi huwa propju r-rikorrenti illi huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg, u ghalhekk l-attrici m'ghandha tbati l-ebda sanzjonijiet u/jew dekadenzi hekk stipulat fil-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Tikkontesta b'mod assolut ir-raba' talba stante li l-konvenut rikonvenzjonanti kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba l-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu u ghalhekk iddekada mid-dritt tieghu illi jitlob u jircievi manteniment minghand l-esponenti ghalih. In oltre, kif stqarr hu stess fir-risposta guramentata tieghu, il-konvenut rikonvenzjonanti jahdem u ghalhekk ghandu dhul u introjtu bizzejjed sabiex imantni lilu nnifsu u li jkun finanzjarjament indipendenti mill-esponenti;*

*5. Tikkontesta bl-aktar mod kategoriku l-hames u r-raba' talba stante illi l-esponenti dejjem hadet hsieb ghall-bzonnijiet tal-minuri E, F, G u H ahwa D li sal-lum dejjem ghexu mal-esponenti gewwa xelter. Illi mhux hekk biss, izda wkoll illi l-konvenut rikonvenzjonat dejjem kien fizikament vjolenti fil-konfront tal-esponenti fil-presenza tal-istess minuri u sahansitra anke ghamel uzu mid-droga fil-presenza taghhom. Ghalhekk, l-esponenti hi l-hi l-aktar genitur idoneju u responsabbli sabiex tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-istess minuri u ghalhekk il-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi vestita esklussivament f'idejn l-esponenti ghall-gid tal-istess minuri;*

*6. Taqbel parzjalment mas-seba' talba fis-sens illi l-minuri ghandhom jirrisjedu primarjament mal-esponenti, filwaqt li kemm-il darba jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-konvenut rikonvenzjonanti ghandu jkollu access, u dan taht il-modalitajiet imposti minn din l-Onorabbli Qorti tenut kont ukoll l-agir tal-konvenut rikonvenzjonanti li huwa persuna vjolenti u aggressiv, u ghandu l-vizzju tad-drogi;*

*7. It-tmien talba tal-konvenut rikonvenzjonanti ghandha tigi michuda stante illi ghandu jkun huwa li jaghti manteniment adegwat ghall-erbat itfal minuri lill-esponenti, fejn prezentement fil-fatt il-konvenut rikonvenzjonanti diga gie ordnat jghaddi manteniment lill-esponenti permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 18 ta' Marzu 2016;*

*8. Tichad id-disgha talba b'dan illi l-konvenut rikonvenzjonanti ghandu dhul sostanzjali filwaqt li l-esponenti tinstab fl-impossibilita` illi tohrog tahdem tenut kont l-eta` tenera tal-minuri u l-istatus taghha u ghalhekk huwa ghandu jhallas l-ispejjez kollha ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri;*

*9. Taqbel parzjalment mal-ghaxar stante illi l-istess kommunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata izda fi kwalunkwe kaz bal ebda mod l-esponenti m'ghandha tbati xi nuqqasijiet jew tigi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut fil-likwidazzjoni tal-istess kommunjoni tal-akkwisti;*

*10. Taqbel ma' hdax-il talba tal-konvenut rikonvenzjonanti;*

*11. Tichad bl-aktar mod kategoriku t-tnax-il talba stante illi l-esponenti m'ghandha tbati l-ebda nuqqasijiet minn sehemha debitament hekk dovut;*

*12. Tichad bl-aktar mod kategoriku t-tlettax-il u l-erbatax-il talba stante illi hija m'ghandha l-ebda beni dotali u krediti parafernali tar-rikorrenti fil-pussess taghha. Fi kwalunkwe kaz, ghandu jkun il-konvenut rikonvezjonanti li jipprova l-ezistenza ta' tali beni u krediti parafernali; u jekk l-ezistenza ta' tali assi parafernali tigi ppruvata mill-konvenut rikonvenzjonanti, kwalunkwe frott tal-istess beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodici Civili;*

*13. Taqbel mal-hmistax-il talba tal-konvenut rikonvenzjonanti;*

*14. Illi l-esponent topponi ghall-ispejjez kollha tal-kawza odjerna, inkluz il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 7/16 RGM.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonanti li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess rikors ġuramentat;

Rat l-atti tal-medjazzjoni numru 1127/2015 li ppreċediet din il-kawza bejn il-partijiet u li ġew ordnati li jiġu allegati minn din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fid-9 ta' Diċembru 2016;

Semgħat u rat ix-xhieda tax-xhieda kollha li ġew prodotti matul il-mori tal-kawza quddiem il-Qorti u quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji nominati mill-istess Qorti u dokumenti prezentati minnhom;

Rat id-dokumenti u rapporti kollha prezentati mill-attriċi matul il-mori ta' din il-kawza;

Rat illi permezz ta' verbal li sar fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2017, ir-rapprezentant legali tal-konvenut indikat illi ma kienx f'posizzjoni li jindika jekk kellux provi x'iressaq peress illi tilef kull kuntatt mal-patroċinat tiegħu;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2018, il-kawza ġiet differita għall-provi tal-konvenut b'dan illi l-ebda provi ma tressqu mill-istess konvenut li baqa' ma deherx ukoll quddiem l-istess Qorti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attriċi prezentata fit-2 t'Ottubru 2018 fil-waqt li ebda sottomissjonijiet ma tressqu mill-konvenut;

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**IL-PROVI.**

Illi l-attriċi tipprezenta affidavit dettaljat li jagħti ħarsa lejn kif bdiet l-għerusija tagħha mal-konvenut meta ltaqgħu fis-sena 2007 meta kienet qed tgħix fis-Sirja. Il-familji rispettivi tal-partijiet laqqgħu lill-partijiet flimkien u minn hemm bdiet ir-relazzjoni.

Tgħid ukoll li qabel ma zzewġu l-konvenut kien għamel xi zmien il-ħabs izda xorta zzewġu f'Mejju 2008 u hija spiċċat tgħix Malta mingħajr qraba tagħha f'Malta.

Tispjega wkoll li fiz-zwieġ il-konvenut kien jixrob, kien jgħajjat magħha, u bdiet tinnota li jpejjep il-ħaxixa. Issostni li fit-trobbija ta' l-ewwel tifla ma kienx jgħin.

Tispjega li eventwalment beda s-swat fiziku u li kien iġiegħlha tirrepeti dak li jkun qalilha u jekk le, jibda' jtiha. Meta twieled it-tieni tifel, l-affarijiet baqgħu l-istess, anzi beda jġib ruħu agħar possibilment ħabba d-droga li tgħid li kien jieħu.

Issemmi wkoll swat biċ-ċinturin.

Reġa kellhom wild ieħor izda l-konvenut baqa' ma jieħu ħsieb kwazi xejn mill-bżonnijiet tal-familja. Issostni li kien isakkar lilha u lil uliedha waqt li jintefa jieħu d-droga ma' sħabu u wara jisforza ruħu fuqha u li bdiet dejjem tgħix fil-biża'.

Issemmi li kienet spiċċat għamlet ftit taz-zmien toqgħod għand il-mara ta' ħuh bit-tifel b'reazzjoni għall-mod kif il-konvenut kien beda jġib ruħu izda li eventwalment dan kien ikkonvinċiha biex tmur lura u sussegwentement skopriet li kienet reġgħat tqila. Tispjega wkoll li f'okkazzjoni minnhom kienet spiċċat sakkret lill-konvenut barra d-dar minħabba t-tensjoni li hija ssostni li dan kien ġiegħlha tibda tħoss wara s-swat li ssotni li kienet taqla u li mbagħad wara xahar mar lura izda baqa' l-istess. Issemmi wkoll it-tkissir li kien iseħħ minnu wara l-ġlied.

Tallega wkoll li kien joħdiha children's allowance għad-droga u jħalli lilha u lit-tfal b'xejn. Meta marret biex twelled ir-raba' wild, issostni li kienet ħalliet it-tfal l-oħra miegħu izda dawn spiċċaw kollox maqlub u maħmuġ. Issostni li baqa' jħalliha bla flus, baqa' għaddej l-iswat u li darba minnhom sa qaxxrilha ġilda ta' geddumha bid-dwiefer.

Issemmi li l-Pulizija daħlu l-ewwel darba fl-istampa meta kienet marret tiġbor lit-tfal mill-iskola wara argument li kellha mal-konvenut li kien għal darb'oħra allegatament sawwatha u xi ħadd mill-iskola kien ċempel lill-Pulizija. Tgħid li kienet spjegatilhom x'kien għamlilha u li offrewlha tmur shelter izda li minflok marret għand ħuh u li daħlet social worker li kienet tatha parir sabiex jekk jerġa' jsawwatha tmur ġewwa shelter. Issotni pero' li r-rapport li kienet għamlet ma sabitux.

Tgħid illi meta reġa' sawwatha u allegatament qabad imħadda u prova jifgagħha, hija fil-fatt iddeċidiet li tmur shelter. Marret ġewwa d-Dar Merħba Bik. Kien sar ukoll rapport mal-

Pulizija (u eventwalment instab ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-11 ta' Jannar 2016).

Tispjega li l-konvenut kien qalilha pero' li jrid jirranġa u kienet marret lura anki wara li kienet ġie imwiegħda li ser tingħata l-passaport tagħha lura li kienet ħaditulha ommu fil-passat, pero' l-affarijiet ma nbidlux tant li reġgħat marret Dar Merħba Bik f'Diċembru 2015. Ħarġet ukoll Ordni ta' Protezzjoni izda ssostni li kien baqa' jsegwiha u jipprova jkellimha.

Biex tikkonkludi dwar il-konvenut, hija ssostni wkoll li manteniment ma kienx...................... itiha u li interess fit-tfal, edukazzjoni tagħhom ma kienx juri anki meta t-tfal ikunu ma jifilħux, li kien jieħu d-droga quddiemhom, ikun vjolenti magħhom jew quddiemhom, tant li għadhom imwerwrin minnu minkejja l-aċċess supervizjonat.

Ġew prezentati notamenti minn Social worker fi ħdan id-Domestic Violence Unit ta' l-Appoġġ fol 315 li jirriflettu dak li ssostni l-attriċi fl-affidavit tagħha dwar l-allegata vjolenza domestika li hija kienet issofri. Dawn in-notamenti effettivament jirrapurtaw dak li kienet issostni l-attriċi.

Ġew preżentati wkoll notamenti oħra miġburin minn Bernardette Briffa minn Dar Merħba Bik (fol. 341 li jelenkaw kull meta l-attriċi ġiet riferuta jew marret ġewwa l-istess Dar) u xhieda tal-Head tad-Dar Qalb ta' Ġesu (418), li jirriflettu wkoll dak sostnut mill-attriċi.

Ġiet ukoll prezentata kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali datata 7 t'April 2017 fejn il-konvenut instab ħati li insulenta u hedded lill-attriċi jew jekk kien provokat li kien ħareġ mil-limitu tal-provokazzjoni u fejn inħarġet ukoll Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-konvenut.

Ġiet prezentata sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali datata 4 ta' Marzu 2016 (fol.422) fejn jirrizulta li l-konvenut kien ammetta li kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta tal-cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom din ir-raza bħala bazi.

Ġew ukoll prezentati dokumenti dwar proċeduri kriminali oħra pendenti fil-konfront tal-konvenut liema proċeduri baqaw pendenti stante li l-konvenut naqas milli jiġi notifikat jew jidher għall-istess proċeduri (fol.358 sa 404).

Il-konvenut tressaq sabiex jixhed in subizzjoni fis-seduta tal-25 t'April 2017 fejn jixhed dwar il-ħajja lavorattiva tiegħu li dak iz-zmien kien beda jaħdem ma' ħuh bħala Sales Manager fil-waqt li b'referenza għal xogħol ieħor li kien jinvolvi ruħu fih qabel, isemmi li kien għamel xi

€50,000 dejn in konessjoni ma' refurbishment ta' negozju li fi kliemu kien beda sejjer tajjeb izda pero' li huwa sostna li ma żammx għax ma setax ilaħħaq miegħu minħabba impenji ta' Qorti u għax ma kienx qed jara lit-tfal.

Dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' l-attriċi jsostni li hija sabitha diffiċli biex taddatta għall-kultura Maltija.

Dwar l-allegat argument li kien wassal sabiex xi ħadd mill-iskola jirreferi lill-attriċi mal-Pulizija u li r-rikorrenti ssostni li kien seħħ wara li l-attriċi kienet ġiet imsawwta mill-konvenut, huwa jsostni li kien hemm argument dwar il-familja ta' l-attriċi u li kien għalhekk, skont hu, li hija kienet allegat li kien qed isawwatha.

Ikkonferma li meta l-attriċi kienet marret toqgħod għand ħuh, dan kien minħabba argumenti li kien hemm bejnu u l-attriċi pero' jiċħad li qatt sawwatha.

Sostna wkoll li dwar it-tfal medikament, soċjalment u skola kien jieħu ħsiebhom hu għax skont hu l-attriċi kienet bla skola. Jikkritika wkoll lill-attriċi dwar il-mod kif kienet taħsel lit-tfal.

Irrizulta wkoll illi kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut mar anki wara l-bieb ta' Dar Merħba Bik bil-konsegwenza li r-rikorrenti kienet qed tibza' li l-istess konvenut kien qed jibqa' jsegwiha jew jipprova jikkomunika magħha. ( Ara wkoll xhieda ta' Karen Decelis key worker tal-Qalb ta' Ġesu fol.84, rapport fol.119 u fol. 134)

Ġew prezentati wkoll diversi rapporti (fol. 87 sa fol. 107 u rapporti oħra bejn fol.114 u 140) fejn fost oħrajn ir-rikorrenti allegat li kien hemm drabi oħra li ġiet segwita mill-konvenut minkejja Ordni ta' Protezzjoni datata 25 ta' Frar 2016.

Dwar l-aċċess supervizjonat xehed Jean Taliana fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2017 fejn ġie ndikat illi z-zewġ tfal iz-zgħar kien qed ikollhom aċċess supervizjonat għal missierhom fil-waqt li z-zewġ tfal il-kbar ma jkunux iridu assolutament ikollhom kuntatt ma' missierhom (fol.68) kif ukoll konfermat minn xhud ieħor Karen Decelis key worker tal-Qalb ta' Ġesu (fol.77 u fol. 83).

Ġew prezentati wkoll rapporti li saru mir-rikorrenti dwar nuqqas ta' attendenza għal aċċess li kellu jeserċita l-konvenut (fol. 233 et seq. fost rapporti oħra).

Ġie spjegat ukoll minn Ingrid Vassallo mill-Aġenzija Appoġġ li ndikat id-diffikulta ta' l-omm li twassal il-minuri l-Appoġġ hekk kif ikollha toħroġ b'erba' t'itfal bit-trasport Pubbliku jew f'kaz li xi ħadd mit-tfal ikun ma jiflaħx kif ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn il-konvenut baqa' jsegwi lir-rikorrenti wara l-aċċess (fol. 74 u 75). Spjegat ukoll li fil-fehma tagħha, qabel ma jkun hemm aċċess fir-rigard tat-tfal il-kbar, ikun importanti li tiġi ndirizzata r-rabja u l-konfuzjoni f'ambjent li jkun aktar terapewtiku. Għal dan il-għan din il-Qorti permezz ta' digriet li ingħata fl-istess seduta ordnat sabiex l-aċċess favur iz-zewġ minuri kbar E u Haidar jiġi sospiz fil-waqt li l-aċċess taż-żewġ minuri żgħar Hussain u H jibqa' jiġi eserċitat taħt supervizjoni ġewwa l-Appoġġ billi a spejjez tal-missier iz-zewġ minuri jinġabru mill-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ mir-residenza ta' l-omm u hekk jiġu ritornati.

Il-Qorti nnominat ukoll a spejjez provvizorjament tal-konvenut lill-psikologu Paul Sciberras sabiex jezamina lill-konvenut u jipprepara rapport psikoloġiku dwaru.

Ġara pero' li wara Nota prezentata mill-Aġenzija Appoġġ fl-20 ta' Lulju 2017 ġie ndikat li l-konvenut ma kienx baqa' jmur għall-aċċess u ġie rakkomandat li jiġi sospiz. Din il-Qorti laqgħat din ir-rakkomandazzjoni permezz ta' digriet datat 21 ta' Lulju 2017.

Xehdet ukoll counsellor fi ħdan l-iskola Primarja ta' Santa Klara, San Ġwann dwar il-progress fl-edukazzjoni ta' ulied il-partijiet kif ukoll dwar diskors li qalu uħud mit-tfal dwar l-aġir aggressiv li allegatament kien jagħmel il-konvenut fil-konfront tagħhom (fol 427).

Dwar il-finanzi tal-partijiet xehdu u ġew prezentati diversi statements bankarji li pero' ma jindikaw ebda finanzi jew somom ta' flus sostanzjali b'kont ta' HSBC referibbli għar-rikorrenti prezentat minn fol. 142 sa 190 jindika li l-istess attriċi tuza l-istess kont biex primarjament tirċievi assistenza soċjali u tiġbed flus mill-istess kont.

Issir referenza wkoll għax-xhieda tar-rapprezentant mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali li kkonferma li l-attriċi tirċievi numru ta' benefiċċji fosthom assistenza socjali ta' €136.98 fil-ġimgħa u children's allowance ta' €88.92 fil-ġimgħa.

Ġew prezentati kontijiet bankarji oħra li wkoll ma jindikaw ebda attivita bankarja sostanzjali fir-rigward tal-konvenut kif ukoll li kien hemm *home loan account* li pero' qatt ma ġie attivat u ġie kanċellat (fol. 281).

Fol. 405 ġiet esebita wkoll lista ta' vetturi li jinsabu fuq isem il-konvenut liema vetturi mid-dokumenti sussegwenti jirrizultaw li kollha kemm huma pjuttost antiki bħala sena ta' manifattura fil-waqt li l-istess xhud minn Transport Malta kien indika li ma hemm l-ebda vetturi reġistrati fuq isem l-attriċi.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

1. **Tort għat-Tkissir ta' Żwieġ;**

L-attrici tibbaza t-talbiet taghha ghall-pronunzjament tas-separazzjoni primarjament fuq vjolenza domestika li hija ssostni li sofriet, kemm hi u kemm uliedha mill-konvenut waqt iz-zwieg.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha taghmel referenza ghall-**Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta** u ghad-definizzjoni tal-frażi 'vjolenza domestika' bhala s-segwenti:

"vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika .

Fis-sottomissjonijiet taghha l-attrici taghmel referenza ghall-abbuz fiziku soffert minnha u kazijiet fejn anki giet imsawwta quddiem it-tfal:

*"...Meta rritornajt id-dar l-attitudni ta' B ma inbidlitx. Hu ma waqafx isawwatni, kemm b'idejh u kemm b'ilsienu. It-tfal kienu dejjem ikunu d-dar iħarsu..."*

*"...kien dam madwar siegħa jsawwatni waqt li t-tfal kienu qed jibku. Jien bdejt ngħajjat ħafna iżda kollu kien ta' xejn għax hadd ma kien ha jismani...*

L-affidavit ta' l-attrici jipprovdi dettal dwar diversi episodji ta' vjolenza domestika li hija ssostni li soffriet.

Daparti tieghu il-konvenut in subizzjoni innega li qatt refa' idu fuq l-attrici.

Illi ghalkemm b'mod oggettiv ftit li xejn hemm provi, tal-griehi li allegatament kienet issofri l-attrici, possibilment ghaliex din ghamlet snin issofri fis-skiet, din il-Qorti temmen il-verzjoni ta' l-attrici ghal diversi ragunijiet li ser jigu hawn taht elenkati:

i. Daparti tat-tfal, jidher li dawn, specjalment it-tfal il-kbar ikkonfermaw ma' min tkellmu li l-konvenut kien wera mgieba aggressiva sew lejn l-attrici u anki lejn uliedu (fost ohrajn skont dak li gie ndikat fol. 427 mill-counsellor ta' l-iskola ta' l-istess ulied);

ii. Kien hemm certu grif li kien gie nnutat fuq l-attrici meta dan kien ipprova jifgaha (fo.316);

iii. Il-mod kif il-konvenut tkellem dwar l-attrici meta xehed quddiem din il-Qorti fejn wera attitudni ta' superjorita' fil-konfront ta' l-attrici meta fost ohrajn jispjega l-kultura differenti minn fejn hija gejja, nuqqas ta' edukazzjoni, il-*background* tal-familja taghha u l-mod kif skond hu, kienet tiehu hsieb it-tfal jindika il-motivazzjoni illegali u abbużiva tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti.

iv. Il-fatt li l-attriċi kienet giet riferuta lill-Pulizija mill-iskola ta' wliedha, il-fatt li din inzammet ġewwa xelters fejn minn imkien ma jirrizulta ebda dubju dwar il-genwinita' taghha;

v. Il-fatt li l-konvenut ghandu fedina penali fejn fost ohrajn instab hati li kien ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq terz, instab hati li ghamel theddida ta' bomba fil-bini tal-Qorti, baqa' jisfida ordni ta' protezzjoni biex ma javvicinax lill-attrici, naqas milli kemm-il darba jidher quddiem il-Qorti kemm f'dawn il-proceduri kif ukoll proceduri ohra kriminali li kellu fil-konfront tieghu;

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti tqis li għandha biżżejjed indikazzjonijiet biex temmen il-verzjoni ta' l-attrici dwar abbuz fiziku, sesswali, verbali u psikologiku u anki ekonomiku fil-konfront tagħha u ta' uliedha kif anki elenkati f'aktar dettal fis-sottomissjonijiet ta' l-attriċi li ċertament hi waħda aktar kredibbli minn dik tal-konvenut.

Issir ukoll referenza għall-fatt li anki l-allegazzjoni li l-konvenut kien jagħmel uzu minn drogi giet konfermata meta dan ammetta għall-akkuzi dwar pussess. (fol.422)

In tema legali ssir referenza għall-gurisprudenza fejn fost oħrajn fil-kawza fl-ismijiet ***Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 t'Ottubru 2003 (Cit. Number 1677/1995) ġie ddikjarat illi:

*Il-mohqrija tinkludi dawk l-atti ta' maltrattament, li minkejja li ma jipperikolawx il-hajja jew is-sahha ta' dak li jkun trendi l-hajja konjugali mpossibbli.*

*Il-ligi taht l-artikolu 40 tal-Kodici Civili, taghmel riferenza ghall-mohqrija izda mhux ghall-sevizzi, izda mill-gurisprudenza jidher illi l-kelma mohqrija u sevizzi jfissru l-istess haga.* (pg. 16 of the judgment)

B'referenza ghal sentenzi ohra gie ndikat is-segwenti::

*Illi fil-kawza "**Camilleri utrinque"** deciza fis-16 ta' Marzu 1898, il-Qorti Civili kienet qalet :*

*"Per sevizie nei senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l-animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un avversione verso chi commette tali atti".*

*Illi fil-kawza "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza fit-30 ta' Gunju 1961, il-Qorti qalet:-*

*"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jrendu l-hajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi"*

Issir ukoll referenza għall-ġurisprudenza kwotata mill-attrici fis-sottomissjonijiet tagħha li wkoll jimxu fuq l-istess linja ta' dak hawn fuq kwotat.

Dan kollu jwassal għall-konkluzjoni li l-konvenut hu għaldaqstant unikament ħati għat-tkissir taz-żwieg tal-partijiet tenut anki wkoll li anki dak allegat minnu fir-risposta u kontro-talba tieghu imressqin f'dawn il-proceduri dwar nuqqasijiet attribwibbli lill-konvenuta ma ġew bl-ebda mod sostanzjati.

Konsegwentement ukoll u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili din il-Qorti tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikoli 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih id-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48;

**Komunjoni ta' l-Akkwisti;**

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet jirriżulta illi l-partijiet dejjem għixu f'postijiet mikrija fil-waqt li daparti ta' l-attrici ftit li xejn saret referenza ghal dan l-aspett probabilment għaliex salv ghal dak li hadet maghha meta hija u wliedu telqu sabiex isibu refugju 'l boghod mill-konvenut, ftit li xejn kien hemm x'jittiehed in konsiderazzjoni.

L-istess jinghad fir-rigward tal-finanzi bankarji tal-partijiet b'dan pero' li ghal kull buon fini qed jigi ccarat illi kwalsiasi kont li hemm intestat unikament fuq l-attrici u kwalsiasi bilanc li hemm fuq tali kont qed jiġi dikjarat li jappartjeni lilha filwaqt li l-kontijiet li jinsabu intestati unikament fuq il-konvenut ghandhom jibqaw fuq ismu fil-waqt li jekk jirrizulta li ghad hemm xi dejn dovut minnu inkluz dejn konness man-negozju li huwa xehed dwaru fil-mori ta' din il-kawza, ghandu jkun hu wahdu li jibqa' responsabbli ghal tali dejn u l-attrici jkollha dritt ta' rivalsa jekk qatt ikun il-kaz li din tinstab minn xi Qorti responsabbli ghal kwalsiasi dejn referibbli ghall-konvenut.

Dwar il-vetturi li jinsabu registrati fuq isem il-konvenut, li kif indikat mill-attrici fuq in-nota ta' sottomissjonijiet taghha huma soggetti ghal diversi multi, il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-imsemmija vetturi għandhom jiġu assenjati lill-konvenut b'dan illi *arbitrio boni viri* qed tillikwida s-sehem minnhom spettanti lill-attriċi fis-somma ta' ħames mitt ewro (€500) liema somma għandha tithallas mill-konvenut lill-attriċi żmien xahar millum u fin-nuqqas jibda jiddekorri imgħax legali b'effett millum sad-data tal-effettiv pagament.

**Kura u Kustodja, Residenza u Aċċess tal-minuri;**

Wara li l-Qorti eżaminat il-provi kollha mressqa u kkonsidrat x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri, l-Qorti qed tiddeċiedi illi l-kura u kustodja u residenza ta' wlied il-partijiet għandha tiġi vestita unikament favur l-attrici li anki minn dak li rrizulta mid-diversi xhieda li xehdu f'din il-kawza ġie kkonfermat li hi l-attrici li qed tiehu hsieb il-bżonnijiet tal-istess minuri b'certu ghaqal (fol.419) minkejja d-diffikultajiet evidenti li din kellha u ghad ghadha inkluzi dawk finanzjarji biex trabbi lill-minuri wehidha.

Tordna wkoll illi l-attriċi waħedha tieħu d-deċiżżjonijiet kollha relativi għall-minuri dwar saħħa u edukazzjoni kif ukoll għal safar li ma jkunx jeċċedi l-perijodu ta' ġimgħatejn kull darba b'dan li l-passaport ikun ristrett għal perijodu ta' ġimgħatejn għal kull mawra.

Dwar l-aċċess tal-missier versu l-minuri il-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li skond ma kkonfermat l-Aġenzija Appoġġ b'nota tal-20 ta' Lulju 2017 li l-konvenut ma kienx baqa' jmur għall-aċċess u ġie rakkomandat li jiġi sospiz. Din il-Qorti laqgħat din ir-rakkomandazzjoni permezz ta' digriet datat 21 ta' Lulju 2017 u f'dan l-istadju din il-Qorti ma tara l-ebda raguni għalfejn din is-sospensjoni ta' access ma ghandhiex tibqa' *in vigore*. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi illi fiċ-ċirkostanzi attwali m'għandux ikun hemm aċċess bejn il-missier u l-minuri filwaqt li qed jibqa' impreġudikat id-dritt li fil-futur il-missier jitlob lill-Qorti tiffissa aċċess jekk u meta ċ-ċirkostanzi jkunu jindikaw li jkun fl-interess tal-miniri li jerġa jigi stabbilit kuntatt bejn il-missier u l-minuri.

**Manteniment ghall-attrici u ghall-minuri;**

Mill-provi jirrizulta li l-attrici tiriċievi s-somma ta' €136.98 fil-ġimgħa bħala benefiċċji soċjali; u ma' dan hemm bonus addizjjonali ta' €3.12 fil-ġimgħa u kull sitt xhur tieħu bonus ta' €135.10 kull Ġunju u Diċembru ta' kull sena. Apparti dan, hija qedha tirċievi ċ-Children's Allowance fl-ammont ta' €22.23 kull ġimgħa għal kull minuri; u f'dan il-każ jiġu €88.92 fil-ġimgħa għal kull wild, li jitħallsu kull tlett xhur.

Illi għaldaqstant, bhala medja, l-attrici bhalissa tircievi €225.90 fil-gimgha oltre bonuses addizzjonali kif hawn fuq indikati, b'liema somom, l-attriċi hi kostretta li tkopri l-ispejjez tal-ħajja tagħha u ta' l-erba' ulied.

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Marzu 2016 fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 1127/15, il-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attrici s-somma ta' €250 kull erba' ġimgħat bħala manteniment pendente lite għall-esponenti personalment, u s-somma ta' €400 kull erba' ġimgħat bħala manteniment pendente lite għall-erba' ulied minuri u dan b'effett mit-18 ta' Diċembru 2015 liema manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

L-attrici tikkontendi li l-konvenut għandu arretrati ta' manteniment li jmorru lura ghal Jannar 2017. Fix-xhieda tiegħu datata 25 ta' April 2017, il-konvenut stqarr li qiegħed jaħdem bħala Sales Manager mal-Visions Operations Limited.

Mid-dokument preżentat minn Jobsplus (fol.339) ma jirrizultax impjieg ricenti referibbli g]all-konvenut hekk kif l-ahhar impjieg li jidher li kellu kien bhala self-employed. Il-konvenut xhed illi n-negozju li kien fetah ma kienx baqa' joperah.

In tema legali ġie dikjarat illi '*dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut*'' (**Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja** - Prim' Awla - Cit. Nru 154/94). Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-konvenut xorta waħda għandu attivita' lavorativa liema attivita' ma hiex illum reġistrata mal-awtorita' kompetenti.

Għalhekk qed tiddeċiedi illi l-konvenut għandu jħallas manteniment ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat għal kull wild li jkun jinkludi spejjez ta' saħħa u edukazzjoni referibbli għalihom, flimkien ma' manteniment kull erba' ġimgħat ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) ghall-attrici.

F'dan ir-rigward l-attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha tinvoka l-artikolu 7 *et. Seq* tal-Kodiċi Civili fejn fl-artikolu 7(2) wieħed isib illi:

*(2) Meta ma hemmx il-ġenituri, jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi biżżejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni tal-ulied jaqa' fuq l-axxendenti l-oħra.*

L-Artikolu 12 jipprovdi wkoll illi:

*12. Meta, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subtitolu, ikun hemm aktar minn persuna waħda obbligata għall-manteniment, dawn il-persuni jkunu obbligati fl-ordni li ġej:*

*(a) l-ulied jew dixxendenti tal-persuna li titlob il-manteniment, fl-ordni kif huma mil-liġi msejha għall-wirt tagħha;*

*(b) il-ġenituri;*

*(ċ) l-axxendenti l-oħra, fl-ordni kif huma mil-liġi msejħa għall-wirt ta' dik il-persuna.*

Madanakollu pero' għandu jirrizulta li fit-talbiet li tressqu mill-attriċi, dak mitlub b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7(2) tal-Kodiċi Ċivili fis-sottomissjonijiet ta' l-attriċi ma ġiex mitlub fir-rikors ġurament promotur u konsegwentement din il-Qorti ma tistax tikkonsidra tali talba għaliex tkun qed tieħu deċiżżjoni 'ultra petitaż.

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talbiet attriċi bil-mod segwenti;**

**1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika, theddid, inġuriji gravi, sevizzi u minaċċji kommessi mill-konvenut kontra u bi ħsara tal-attriċi;**

**2. Tilqa' t-tieni talba attriċi, tafda l-kura u l-kustodja tal-erbat itfal minuri E, F, G u H ahwa D esklussivament f'idejn l-attriċi inkluż id-dritt li waħedha u mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-missier jew awtorizzazjoni tal-Qorti, tieħu kwalunkwe decizjonijiet relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri kif indikat f'aktar dettal supra taħt l-intestatura 'Kura u Kustodja, Residenza u Aċċess tal-minuri';**

**3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attriċi billi tiffissa u tillikwida bħala manteniment kull erba' ġimgħat pagabbli mill-konvenut ghall-attrici personalment fis-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) u mitejn Ewro (€200) ghal kull waħda u wieħed mill-erbat itfal minuri li jinkludi s-sehem tiegħu għal spejjez ta' saħħa u edukazzjoni, li jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jaghlqu l-eta` ta' tmintax-il sena (18)- il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jahdmu bi qligh jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena skond iċ-ċirkostanzi provduti mil-liġ u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 kif spjegat supra taħt l-intestatura 'Manteniment għall-attriċi u għal minuri'.**

**4. Tilqa' l-ħames talba billi tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attriċi;**

**5. Tilqa’ s-sitt u s-seba’ talba attriċi, tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni skont kif indikat supra taħt l-intestatura 'Komunjoni ta’ l-Akkwisti';**

**6. Tiċħad it-tmien talba billi ma hemm bzonn ta’ ebda ħatra ta’ kuratur għal ebda att ta’ divizjoni;**

**7. Tilqa’ d-disa’ talba u tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikoli 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tapplika kontrih id-dispozzjonijiet u s-sanzjonijiewt kontemplati fl-Artikoli 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**8. Tilqa’ l-għaxar talba;**

**9. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiddisponi mit-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut u mill-eċċezzjonijiet imressqin mill-attriċi wara l-kontro-talba tal-konvenut b’mod li huwa konsonanti u kompatibbli ma’ dak hawn fuq deċiż.**

**Bl-ispejjez ta’ dawn il-proċeduri inkluz tal-kontro-talba, tal-Mandat ta’ Inibizzjoni bin-numru 7/16 RGM u tal-Ittra ta’ Medjazzjoni, kontra l-konvenut.**

**Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul**

**Imhallef** | **Deputat Registratur**